# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 470/2012**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Camilleri**

iben Joseph, imwieled Mosta, fil-25 ta' Marzu, 1949, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 285749(M)

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-3 ta' Dicernbru 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer caqlaq illegalment annimali u dan bi ksur tal-artikolu 35(c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Otturbu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat rat l-Artikoli 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbat telef Euro (€4000).

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Camilleri tal-10 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Otturbu, 2012 fejn  sabet lill-appellant hati skont l-akkuza kif dedotta u tilliberah.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatt u kif ukoll tad-dritt tal-artikolu 35(c) (iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kellha ssir il-prova min-naha tal-prosekuzzjoni li l-appellant kien caqlaq l-animali ghall-farm tieghu minn post iehor liema prova qatt ma saret ghaliex l-fond ma kienx taht il-kontroll tal-istess raprezentanza tal-Biedja jew Awtorita' ohra biex jigi acceratat dan.

Li wkoll ma ngiebet ebda prova min-naha tal-prosekuzzjoni.li l-annimali li kein hemm fil-farm tal-appellant kienu jappartjenu lill-terzi.

Li l-appellant qatt ma cahad li l-annimali kienu tieghu fil-farm tieghu stess li skont l-istess records tal-Awtorita' tal-Biedja, huwa minn dejjem kellu l-farm tieghu hemm u allura fuq bazi probatorja ma jistax jigu eskluz li l-annimali kienu offspring mill-istess annimali li kellu huwa minn dejjem fl-istess farm.

Salv aggravji ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarja u ghalhekk din il-Qorti kellha l-beneficcju li jisma x-xhieda mill-gdid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati kienet tat istruzzjoni lis-servizz veterinarju li jaghmlu spezzjoni ghal gharrieda fil-razzett tal-appellant biex jivverifkaw jekk il-hmieg li kien hemm kienx qed jitnehha u jekk l-appellant kellhu xi annimali hemmhekk. Dan ghaliex, l-appellant ma kellhux permess li jzomm annimali.

Illi meta waslu fir-razzett tal-appellant fit-3 ta' Diccembru, 2010, zewg impjegati tas-servizz veterinarju u pulizija sabu lill-appellant hiereg. Huma staqsewh biex jidhlu fil-post. Ghal-ewwel hu rrifjuta izda wara ftit dahlu fir-razzett. Hemmhekk, sabu wiehed u ghoxrin (21) moghza u ghaxar (10) naghgiet. Dawn l-annimali ma kellhomx tags ma widnejhom skont il-ligi. Xi whud minnhom kellhom toqba f'widnejhom li jindika li xi darba kien hemm tag izda ohrajn qatt ma kellhom tag. Dan kien ifisser li dawn l-annimali kienu joriginaw minn xi post iehor u ma kienx ta' dak ir-razzett.

Illi l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi billi ma jirrizulta ebda caqliq ta' annimali. Dan l-argument ma jistax jigi milqugh billi 'ab initio' l-appellant ma kellhu ebda permess biex izomm annimali f'dan ir-razzett. Gie ventilat argument iehor fis-sens li dawn l-annimali setghu kien'offspring' ta' ohrajn li kienu originarjament f'dan ir-razzett. Dan ukoll hu argument li ma jistax jirrizulta ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li dawn l-annimali kollha kellhom iktar minn sitt xhur u kieku kien kif qed isostni l-appellant dawn l-annimali zghar kellhom jigu registrati.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni logika u legali u din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti.

Illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi wahda fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.